MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 3012/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha l-Avukat Stephen Attard**

**Vs**

**Nicholas Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm311.89), in kwantu ghas-somma ta' Lm286.89 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25 lill-attrici, rapprezentanti danni sofferti meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura KAB 504 fl-20 ta' Dicembru 2000 gewwa Hal Lija habat mal-vettura numru JAX 739 propjeta tal-Avukat Dottor Stephen Attard u kkagunat danni f'din l-istess vettura. Dan

l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat,  ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda minn fejn jirrizulta ampjament li l-incident meritu tal-kawza sehh minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut.   Fil-fatt jirrizulta li l-vettura ta' l-attur kienet wieqfa u l-attur kien qieghed jistenna biex johrog fit-triq principali.  F'hin minnhom l-konvenut ghamel manuvra ta' sorpass minn fuq il-lemin ta' l-attur u laqat il-vettura ta' l-attur fuq il-mudguard u l-bumper ta' quddiem.

Dwar id-danni dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm311.89) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------